# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Tlieta, 31 ta' Mejju 2022**

**Kawza Numru: 24**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 971/2021 JVC**

**Jessie Caruana (KI 0214055M) u Adrian Carl Caruana (KI 0354798M)**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Jessie Caruana u Adrian Carl Caruana kkonfermaw bil-gurament u talbu kif isegwi:

1. Illi r-rikorrenti Jessie Caruana, twieldet bħala Jessie (Giuseppa) Grech nhar il-21 ta' Jannar 1955 (vide Att tat-Twelid - Dok JCT1);

2. Illi nhar it-22 ta' Mejju 1992 hi żżewġet lil Carmel Caruana, bin Francis Caruana u Mary nee' Triccas, u dan skont l-Att taż-Żwieġ 749/1992 (anness u mmarkat Dok JCT2);

3. Illi minn dan iż-żwieġ twieled ir-rikorrent Adrian Carl Caruana nhar id-29 ta' Settembru 1998, kif jidher mill-anness ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 3547/1998 (anness u mmarkat Dok JCT3);

4. Illi Carmel Caruana, li ġie nieqes fl-4 ta' Frar 2020 (Dok JCT4), kif ukoll ir-rikorrenti, kienu kollha adottaw il-kunjom ta' xebba ta' omm l-istess Carmel Caruana, ossia Triccas;

5. Illi fil-fatt, id-dokumenti ta' identità tagħhom (Dok JCT5 – JCT7) kif ukoll il-passaporti tagħhom (Dok JCT8 – JCT9) kollha jindikaw li fil-ħajja ta' kuljum tagħhom din il-familja hija magħrufa bil-kunjom ta' 'Caruana Triccas' kif ser jiġi ppruvat f'din il-kawża;

6. Illi minkejja l-kartà tal-identità tar-rikorrent Adrian Carl Caruana, huwa dejjem kien magħruf bil-kunjom ta' 'Caruana Triccas' u dan kif ser jiġi ppruvat f'din il-kawża;

7. Illi għaldaqstant r-rikorrenti jixtiequ illi l-kunjom li ilhom jużaw matul dawn is-snin kollha, ir-rikorrenti Jessie minn dakinhar taż-żwieġ tagħha u ir-rikorrent Adrian minn twelidu, jiġu riflessi fl-Att taż-Żwieġ tar-rikorrenti Jessie bin-numru 749/1992, u fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent Adrian Carl bin-numru 3547/1998;

8. Illi din it-talba qed issir in linea ma' dak provdut fl-Artikolu 253 tal-Kap 16;

Ghaldaqstant, l-esponenti qed jitolbu umilment lil din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddikjara li r-rikorrenti għandhom ikollhom il-kunjom 'Triccas' miżjud wara l-kunjom 'Caruana';

2. Tordna a tenur l-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta illi l-Att taż-Żwieġ tar-rikorrenti Jessie bin-numru 749/1992, iskritt fir-Reġistru Pubbliku jiġi mibdul fis-sens illi issir annotazzjoni li l-kunjom li jintuża huwa dak ta' 'Caruana Triccas';

3. Tordna a tenur l-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta illi l-Att tat-Twelid tar-rikorrent Adrian Carl bin-numru 3547/1998 iskritt fir-Reġistru Pubbliku jitniżżel l-isem 'Adrian Carl Caruana Triccas' minflok l-isem 'Adrian Carl Caruana';

4. Tordna a tenur tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta illi l-bidla hekk effettwat fl-Att tat-Twelid 3547/1998 u fl-Att taż-Żwieġ 749/1992, iskritti fir-Reġistru Pubbliku, jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili relattiv l-oħra kollha suċċessivi u sussegwenti tar-rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li hu minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. Illi in vena preliminari, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

3. Illi fil-każ odjern, jirriżulta illi Jessie (Giuseppa) Grech twieldet f'Malta fil-21 ta' Jannar 1955 u li fit-22 ta' Mejju 1992, hija żżewġet lil Carmel Caruana u adottat kunjomu skont il-liġijiet viġenti. Mill-att taż-żwieġ tal-koppja nnumerat 749/1992, kopja ta' liema tinsab annessa mar-rikors ġuramentat promotur u mmarkata Dok. JCT 2, jirriżulta illi r-raġel, Carmel, kien kunjomu Caruana, u li Triccas huwa l-kunjom li kien jappartjeni lil ommu qabel iżżewġet;

4. Illi eventwalment, fl-24 ta' Settembru 1998 twieled binhom Adrian Carl. Mill-att tat-twelid tiegħu, innumerat 3547/1998, kopja ta' liema tinsab ukoll annessa mar-rikors ġuramentat promotur u mmarkata Dok. JCT 3, jirriżulta illi Caruana huwa l-kunjom li adotta r-rikorrent Adrian Carl, stante illi sia missieru Carmel kif ukoll ommu Jessie kien kunjomhom Caruana;

5. Illi r-rikorrenti jispjegaw illi minkejja l-fatt li fl-atti tal-istat ċivili relattivi, jidher li kunjomhom huwa Caruana, huma effettivament kienu dejjem magħrufin bil-kunjom Caruana Triccas, kif jixhdu dokumenti uffiċjali li ġew ippreżentati minnhom flimkien mar-rikors promotur. Huma jsostnu wkoll li minkejja li fir-rigward tar-rikorrent Adrian Carl m'hemmx dokumentazzjoni uffiċjali li fiha huwa indikat bil-kunjom Caruana Triccas, jeżistu dokumenti oħrajn li juru li huwa komunement

magħruf bil-kunjom Caruana Triccas, li ser jiġu ppreżentati fil-mori tal-kawża;

6. Illi l-esponent jissottometti illi għalkemm il-pożizzjoni tal-liġi tagħna hija kuntrarja għal tibdiliet fil-kunjom tal-familja, għajr fil-limiti espressament konsentiti bil-liġi, huwa minnu wkoll li l-Qrati tagħna qegħdin ikunu anqas riġidi fil-konsiderazzjonijiet tagħhom ta' talbiet għal bidliet bħal dawn, u għalhekk fir-rigward tal-ewwel tliet talbiet attriċi, huwa ser ikun qiegħed jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' illi l-provi prodotti jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

7. Illi fir-rigward tar-raba' talba attriċi, fejn qed jintalab illi l-bidliet li jistgħu ikunu ordnati minn din l-Onorabbli Qorti permezz ta' dawn il-proċeduri jiġu riflessi f'kull att tal-istat ċivili relattiv suċċessiv u sussegwenti tar-rikorrenti, qed ikun irrilevat illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, **liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom**. Illi għalhekk, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest mir-rikorrenti, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti għandhom jispeċifikaw liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

8. Illi bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Ligi a fol. 16 tal-process;

Fil-mertu rat id-dokumentazzjoni esebita mar-rikors guramentat partikolarment dawk a fol. 8 et seq illi jevidenzjaw illi r-rikorrenti Jessica Luana ilha ufficjalment maghrufa bil-kunjom Caruana Triccas tant illi anki l-karti tal-identita' taghha mahruga mill-awtoritajiet Maltin jirrizultaw li fuqhom ghandhom il-kunjom Caruana Triccas;

Rat ukoll mill-affidavit ta' Jessica Caruana Triccas illi l-uzu tal-kunjom Caruana Triccas kemm minnha u kif ukoll minn zewgha illum mejjet Carmelo beda jintuza sahansitra qabel iz-zwieg ghar-raguni illi r-ragel taghha kellu bzonn jigi identifikat minn persuna ohra bl-istess isem u l-istess kunjom u ghalhekk beda jintuza l-kunjom Caruana Triccas;

Rat id-diversa dokumentazzjoni esebita mal-affidavit ta' Jessie Caruana Triccas;

Rat ukoll l-affidavit tar-rikorrent l-iehor Adrian Carl Caruana Triccas fejn ikkonferma li hu minn dejjem kien maghruf ukoll bil-kunjom uzat mill-genituri tieghu u cioe' dak ta' Caruana Triccas;

Rat ukoll id-dokumentazzjoni esebita minnu fl-affidavit li tevidenzja dak illi huwa xehed bil-gurament;

Rat il-verbal tal-24 ta' Mejju 2022 fejn Dr Farrugia ghan-nom tar-rikorrent iddikjarat b'referenza ghat-tieni u r-raba' talba li l-bidla

fil-kunjom qed tintalab biss fir-rigward tal-mara Jessie Caruana u mhux f'isem Carmel Caruana li llum huwa mejjet.

Illi in vista ta' dak kollu suespost u tad-dokumentazzjoni esebita l-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u se tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi dan ir-rikors guramentat billi:

1. Fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrenti għandhom ikollhom il-kunjom 'Triccas' miżjud wara l-kunjom 'Caruana';

3. Tilqa' t-tieni talba u tordna a tenur l-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta illi l-Att taż-Żwieġ tar-rikorrenti Jessie bin-numru 749/1992, iskritt fir-Reġistru Pubbliku jiġi mibdul fis-sens illi issir annotazzjoni li kunjom il-mara li jintuża huwa dak ta' 'Caruana Triccas';

4. Tilqa' t-tielet talba u tordna a tenur l-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta illi l-Att tat-Twelid tar-rikorrent Adrian Carl bin-numru 3547/1998 iskritt fir-Reġistru Pubbliku jitniżżel l-isem 'Adrian Carl Caruana Triccas' minflok l-isem 'Adrian Carl Caruana';

5. Tilqa' r-raba' talba u tordna a tenur tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta illi l-bidla hekk effettwat fl-Att tat-Twelid 3547/1998 u fl-Att taż-Żwieġ 749/1992, iskritti fir-Reġistru Pubbliku, jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili fil-poter tad-Direttur intimat relattivi kollha suċċessivi u sussegwenti tar-rikorrenti.

6. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**31 ta' Mejju 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Mejju 2022**